Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 946/2004

**Falcon Tours Limited**

**vs**

**Dennis Dowling**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Mejju, 2004 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u sebgha u erbghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm247.50), rapprezentanti hlas fuq biljetti tal-ajru (flight tickets) u servizzi ohra ta' vjaggar moghtija mis-socjeta` attrici lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess, u mhux imhallsa;**
**Interpellat sabiex ihallas permezz ta' ittra ufficjali datata 27 ta' Awissu, 2003, u permezz ta' ittra ufficjali datata 25 ta' Novembru, 2003 (Dok.A u Dok.B) il-konvenut baqa' inadempjenti;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Awissu, 2003, u tal-25 ta' Novembru, 2003, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-3 ta' Gunju, 2004 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u sebgha u erbghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm247.50), bl-imghaxijiet legali mill-25 ta' Novembru, 2003 sad-data tal-pagment effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Awissu, 2003, u tal-25 ta' Novembru, 2003, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------